# Dawl Ġdid Fuq il-Ħajja tal-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch *

***Wolfgang Löhr***
wolfgang.loehr@gmx.de

**Abstract:** Our knowledge of Grand Master Hompesch has generally been limited to the period when the French seized Malta and his surrender to Napoleon. The letters discovered by Dr Löhr in the archives of the Hompesch family in Jaroslavice confirm the underhanded plots that were going on against him. In addition to providing information about the man before he became grand master, they also provide details about his character and private life and that of members of his family.

**Keywords:** Order of St John, Grand Master Hompesch; Bylandt, Mönchengladbach, French invasion of Malta

Minn xi snin 'l hawn, qed nagħmel riċerka dwar l-istorja tal-familja Hompesch. Din l-istorja hija f'ħafna aspetti marbuta mal-passat tal-belt ta' Mönchengladbach, fil-Ġermanja. Waħda mill-fergħat tal-professjoni tiegħi hi li nirriċerka l-istorja ta' din il-belt. Waqt din ir-riċerka ħbatt ma' Ferdinand von Hompesch minħabba l-fatt li ommu, Isabella von Bylandt, kienet minn Rheydt, illum il-ġurnata parti minn Mönchengladbach. Kont naf li bħala gran mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, fl-1797 Ferdinand iddikjara ż-Żejtun belt u semmieha Ċittà Beland, b'unur lil ommu. Is-sena l-oħra ġejt Malta, proprju biex inżur iż-Żejtun. Waqt laqgħa li kelli mal-ambaxxatur tal-Ġermanja, Dr

* Lecture mogħti fil-German-Maltese Circle, il-Belt Valletta, fis-6 ta' Ġunju 1990. (Test maqlub għall-Malti minn Carmen Borg, Senior Lecturer fil-Junior College).

Gottfried Pagenstert, hu qalli li f'Malta hemm interess kbir fl-uniku gran mastru Ġermaniż li kellha l-gżira u li kien ukoll l-aħħar wieħed. Qalli wkoll li l-impressjoni li l-pubbliku għandu ta' dan il-gran mastru hi waħda mimlija kontroversji. L-ambaxxatur talabni ngħaddi lill-pubbliku Malti l-informazzjoni li kelli dwar Hompesch biex b'hekk il-Maltin isiru jafu b'dak li kont sibt dwaru. Illum, għandi għalhekk il-pjaċir naqsam magħkom din l-informazzjoni.

L-aktar għajn importanti għar-riċerka storika dwar il-Hompeschijiet hi l-arkivju tal-familja tagħhom f'Jaroslavice u li llum jinsab f'Brno, fil-parti Moravjana tar-Repubblika Ċeka. Mort nistudja dawn id-dokumenti diversi drabi, l-aktar reċenti fi Frar ta' din is-sena. Dan l-arkivju huwa ferm voluminuż u jinkludi fost l-oħrajn, aktar minn mitt ittra tal-Gran Mastru Ferdinand lil ħuh il-kbir Franz Karl.

Franz Karl kien ministru tal-finanzi tal-Bavarja taħt il-Prinċep Elettur Karl Theodor bejn l-1776 u l-1779. Dan imbagħad kien safa' vittma ta' intrigi tal-Qorti u aktar tard laħaq ministru tad-dukat ta' Juliers-Berg. Hu temm il-karriera tiegħu f'Munich, mill-ġdid bħala ministru tal-finanzi, mill-1798 sa ma miet fl-1800. Franz Karl kien bniedem kolt ħafna. Qatta' l-biċċa l-kbira ta' żgħożitu fi Vjenna. Bħal ħafna minn sħabu, x'aktarx li kellu għalliem privat Franċiż. Dan jispjega għaliex hu kellu ħakma perfetta tal-Franċiż. Kien jammira l-kultura u s-*savoir vivre* tal-Franċiżi u spiċċa biex lil uliedu edukahom fi Franza, f'dik il-parti li llum hi l-Belġju. Studja dwar il-filosfi tal-illuminiżmu Franċiż, u kien jikkondividi n-nuqqas ta' twemmin tagħhom. Hu ntebaħ bin-nuqqasijiet fl-ordni soċjali ta' dak iż-żmien iżda ma kienx jaċċetta r-rivoluzzjoni. Fl-1778, fi Munich flimkien ma' Maximilian von Montgelas tal-Bavarja, ingħaqad ma' dawk li kienu lesti jabolixxu l-privileġġi fewdali tradizzjonali permezz ta' bidla minn fuq, li sseħħ mill-klassi għolja tas-soċjetà.

Issa niġu għall-kwistjoni ta' jekk kienx hemm xi sentiment komuni bejnu u bejn ħuh Ferdinand għal dawk li huma punti ideoloġiċi u soċjopolitiċi. Il-korrispondenza ta' bejn l-1778 u l-1800 titfa' xi ftit dawl fuq din il-kwistjoni. Jekk xejn, din il-korrispondenza tagħtina stampa ċara tal-personalità ta' dan l-aħħar gran mastru. Wara dan iż-żmien kollu, dawn l-ittri u dokumenti mill-arkivju ta' Jaroslavice, li sa ftit żmien ilu ma konniex nafu bihom, issa jagħtuna fatti ġodda dwar id-destin ta' Hompesch qabel u wara l-miġja tal-Franċiżi f'Malta fl-1798.

Ferdinand, bħal ħuh, kien jikteb l-ittri tiegħu kważi dejjem bil-Franċiż. Hu kien jiddettahom lis-segretarju Franċiż tiegħu Abbé Boyer. Għandna wkoll xi ittri li kiteb hu stess. Dawn tal-aħħar huma miktubin bi Franċiż perfett; dan ifisser li hu kien daqstant komdu jikteb bil-Franċiż daqskemm kien komdu jikteb bil-Ġermaniż, il-lingwa materna tiegħu. Kien fl-1782 li għall-ewwel darba beda jara jqabbadx segretarju Ġermaniż. Dan mhux minħabba kwistjoni ta' lingwa iżda għax kien tlewwem ma' Abbé Boyer. Minn interpolazzjonijiet li kien jagħmel bil-Ġermaniż, nafu li din il-lingwa kien jafha sew.

Fl-ittri li Ferdinand u ħuh kienu jiktbu lil xulxin wieħed mill-ewwel jinnota ċerta riżervatezza. It-tnejn jagħtu importanza kbira għall-konvenzjonijiet aristokratiċi ta' dak iż-żmien. Hu u Franz Karl regolarment jindirizzaw lil xulxin bil-forma formali *vous* u qatt bil-forma aktar intima *tu*. Wara li Ferdinand inħatar gran mastru, ħuh kien saħansitra jindirizzah bħala *Votre Altesse Eminentissime*. Minkejja dawn l-espressjonijiet ta' formalità, wieħed jinduna bl-affezzjoni kbira lejn xulxin: L-aħwa mhux biss isejħu wieħed lill-ieħor 'ħabib tiegħi', iżda wkoll 'ħabib ġentili tiegħi'. Kienu jiktbu dwar saħħithom u dwar bosta problemi personali. Kważi regolarment, Ferdinand kien jibgħat iselli għan-nisa ta' ħutu li kienu marradin, u kien iġiegħel lil ħuh jiktiblu dwar saħħithom.

Dejjem kienet tinqala' xi okkażjoni għal xiex jiktbu: il-mara ta' ħuh, Antoinetta von Hacke, mietet fl-1778 bl-idropsija. Il-mara ta' ħuh l-ieħor, Maria Theresia von Hoensbroech, kienet tbati b'għajnejha u spiċċat biex għamiet. Ferdinand kien spiss jistaqsi dwar ommu, Isabella née von Bylandt, li issa kienet xjaħet. Lil ommu kien iħobbha ħafna u l-ittri kien jiktibhomlha hu stess.

Lil Ferdinand, Malta ma kinitx togħġbu. Kien iqisha bħala art salvaġġa u kien iħossu bħal wieħed eżiljat 'bħal bebbuxu lsir f'qoxortu'. Dan il-fatt mhux biss kien qed imarrdu, iżda kien qed ukoll joħnoqlu l-*joie de vivre*. Kien iħossu bħal marbut bil-ktajjen ma' din il-blata, dejjem jittama li għad jitlaq għal dejjem minn din 'il-gżira kerha fejn ix-Xitwa kienet kiesħa u twila u s-Sajf jaħraq', biex jingħaqad mal-familja tiegħu fil-Ġermanja minn fejn spiss kienu jibagħtulu xi biċċa perżut tajba! Kien jimmaġinah f'kariga fil-Qorti Imperjali ta' Vjenna, li kien ilu ambaxxatur tagħha mill-1775. Kien jaħseb li permezz ta'

kariga bħal din seta' jgħin aktar lin-neputijiet. Ta' min jgħid hawnhekk li minħabba l-kuntatti li kellu hemmhekk, spiss kien jgħaddi xi kelma għan-neputijiet tiegħu biex jiksbilhom xi pjaċir. Madankollu, fejn jidħlu l-flus ma setax ikun ta' għajnuna għax hu stess dejjem kellu ħafna dejn. L-affezzjoni ta' ħuh, Franz Karl, kienet tant kbira li Ferdinand darba rnexxielu jikkonvinċih iħallaslu d-dejn li kellu mal-bankier Malti Joseph Grimaud. F'dik l-okkażjoni Franz Karl qal 'x'ma nagħmilx biex ngħin lil ħija u ħabib li nħobb'. Din il-biċċa kienet ser toħloqlu l-inkwiet għax Franz Karl ma setax iħallsu dan id-dejn. Iżda d-destin ried li din il-manuvra tispiċċa b'wiċċ il-ġid għax ftit wara Joseph Grimaud falla.

Ferdinand kien jagħmel minn kollox biex lil ħbiebu u lil dawk li kien jaf jonorahom bil-gran kruċ tal-Ordni. Wieħed minn dawn irċevewh ħuh u martu u flimkien mal-gran kruċ ingħataw dettalji dwar kif dan kellu jintlibes. Anki lil Clemens von Metternich, li aktar tard laħaq president tal-Kamra tal-Lordi tal-Awstrija, u lill-mara tiegħu għen. Fl-1799, saħansitra waqt l-eżilju tiegħu f'Trieste, Ferdinand reġa' ta gran kruċ, għalkemm din id-darba b'riżerva fuq approvazzjoni tal-papa. Ferdinand kien fehem kemm kienu vanitużi l-pari tiegħu u kien jaf kemm kien faċli tirbaħ is-simpatija ta' persuna, għal skopijiet personali, permezz tat-tifħir. Issa ħa niġu għall-appoġġ li Ferdinand kien jagħti lil tal-familja. Bis-saħħa tiegħu, neputih, li kien twieled fl-1766 u li Ferdinand kien ħadu taħt il-patroċinju tiegħu, sar kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann. Peress li kien il-parrinu tiegħu, tah l-isem ta' Ferdinand, kif kienet id-drawwa fost in-nobbli dak iż-żmien. L-istess għamel ma' Ignaz von Hegnenberg, li jingħad li kien iben illeġittimu ta' ħuh, Franz Karl. Ferdinand kien il-parrinu wkoll ta' dan u, minkejja reżistenza minn bosta naħat, irnexxielu jdaħħlu fl-Ordni. Ignaz dan tant kien jafhulu lil zijuh li saħansitra fl-1798 eżilja ruħu miegħu f'Trieste.

Fl-1794 t-tifla ta' ħuh, Louise, iġġennet wara Louis Klein, ġeneral tal-armata rivoluzzjonarja Franċiża. Kellha 21 sena meta ltaqgħet miegħu għall-ewwel darba. F'ittri naqraw li missierha, Franz Karl, ipprova jifthilha għajnejha dwar din ir-relazzjoni bit-tama li jikkonvinċiha biex titilqu. Louise kienet tgħix fil-kastell ta' missierha f'Bollheim fid-dukat ta' Juliers, illum distrett ta' Euskirchen, meta l-Franċiżi invadew il-pajjiż. Kien hawnhekk li Klein x'aktarx isseduċiha. Louise kienet iżżomm djarju li fih kitbet dwar din l-imħabba kbira. Hi ġiet edukata

f'Liege, illum fil-Belġju, u bħal missierha u zijuha kienet midħla sew tal-kultura Franċiża. Ħasbet li r-rivoluzzjoni Franċiża kienet ser teħlisha mill-irbit tal-konvenzjonijiet soċjali u mill-kontroll li kellhom fuqha l-familja tagħha. Iżda din kienet illużjoni u ddispjaċiha ferm wara. Kienet kważi ser tispiċċa ħażin minħabba l-kunflitt li kellha bejn il-kuntentezza personali u l-konvenzjonijiet aristokratiċi li missierha u zijuha tant kienu jemmnu bihom. Kienet konvinta li Klein kien ser jiżżewwiġha u ma ntebħitx li dan kien qed jidħaq biha. Is-sitwazzjoni baqgħet sejra għall-agħar u missierha, li ma kienx japprova din ir-relazzjoni, meta ra li bil-kelma t-tajba ma wasal imkien beda juża l-awtorità tiegħu ta' missier biex iġegħelha titilqu. F'ittra tal-1796, Louise daret lejn zijuha Ferdinand għal parir. Dan ipprova jagħdirha iżda ma deherx li seta' jkun hemm soluzzjoni għall-kunflitt ta' bejnha u bejn missierha. Ferdinand kiteb lil ħuh fejn qallu li biex tirreżisti għat-tentazzjoni tal-imħabba Louise trid tkun 'demonju tal-virtù'. Hu rrakkomandalu jibgħatha għal xi xhur għand il-qraba jew għand is-sorijiet biex forsi taljena rasha. Peress li Ferdinand kien 'il bogħod minnhom, ma setax japprezza biżżejjed is-serjetà ta' dak li kien għaddej u ma fehimx li għal Louise ir-relazzjoni ma' Klein kienet waħda serja. Ferdinand kien jaf li Louise kienet sensittiva iżda kien jaf ukoll li kellha karattru sod u kienet tasal għal kollox. Ferdinand fehem għaliex ħuh kien qed jeħodha daqshekk bi kbira; mhux tant minħabba r-relazzjoni ta' Louise ma' Klein iżda minħabba li ma obditux u b'hekk laqtitlu l-vanità. Louise kienet tassew tħobbu lil Klein u ma riditx tinfired minnu. Huwa kommoventi l-mod li bih Ferdinand ipprova jikkonsla lil ħuh u kif talbu biex ma jiddisprezzax lil bintu. Kompla jgħidlu li ma kienet teżisti ebda mara fid-dinja bil-kwalitajiet li kien qed jesiġi minn Louise. Hawnhekk Franz Karl wieġbu mingħajr tlaqliq u qallu li waqt li, bħala bniedem politiku fis-servizz tal-prinċep palatin, kien jevita li jinvolvi ruħu fil-politika Awstrijaka, Franċiża, u Prussjana, fil-każ ta' bintu, il-ħila politika tradizzjonalista li kellu, fejn jidħlu n-nisa, ma serviet għal xejn. Fl-1797, l-inkwiet ta' bejn Louise u missierha tant kiber li Ferdinand, li sadattant kien laħaq gran mastru, kiteb lil ħuh fejn irrakkomandalu l-moderazzjoni u ħeġġu biex ma jagħlaqx lil bintu f'kunvent tas-sorijiet. M'hemm l-ebda dubju li Ferdinand kien jirrispettaha ħafna lil Louise. X'aktarx li kien iltaqa' magħha

personalment għax spiss kien jibgħat iselli għaliha u ta' sikwit kienu jiktbu lil xulxin. Ma nafux, madankollu, jekk kienx iltaqa' magħha għall-ewwel darba matul iż-żewġ vjaġġi li għamel fil-Ġermanja fl-1781/82 u fl-1795/96.

Għandna iktar informazzjoni dwar l-ewwel vjaġġ milli dwar it-tieni wieħed. Kmieni f'Mejju tal-1780, Ferdinand, b'eċitament kbir, ħabbar lil tal-familja li kien ser jingħata permess jieħu vaganza biex iżurhom. Telaq minn Malta u f'Ġunju tal-1781 wasal Ġenova kollu ferħan speċjalment minħabba li ma kienx għad hemm baħar jaqsam bejnu u bejn qrabatu. Għadda minn Turin, Lyon, u Strasburgu sa ma fl-aħħar wasal fil-kastell ta' Bollheim fejn kien twieled 36 sena qabel. Ximindaqqiet kien iħobb ikun sarkastiku: darba minnhom, pereżempju, ikkummenta dwar il-Kmandant Jorel ta' Sassonja fejn qal li dan kien qisu wieħed li ma jmut qatt għax kien irnexxielu jissupera diversi attakki ta' puplesija. Darba oħra ħuh, Franz Karl, kitiblu dwar Madame Hegnenberg li kienet meqjusa bħala l-isbaħ mara ta' Munich. Minħabba r-rabtiet mill-qrib li din kellha ma' Franz Karl, din talbitu jara jikkonvinċix lil Ferdinand jagħmel lil binha kavallier tal-Ordni. Ferdinand wieġbu li r-regoli tal-Ordni kellhom jiġu osservati bir-reqqa anke jekk Madame Hegnenberg kienet isbaħ minn Venere nfisha. Iben Madame Hegnenberg hu l-istess wieħed li Ferdinand kien spiċċa biex daħħal fl-Ordni minkejja reżistenza minn bosta naħat.

Ferdinand kien kuntent ħafna l-Ġermanja u sabha diffiċli meta wasal biex jitlaq. Fit-30 ta' Ottubru tal-1782, wara sena u nofs hemmhekk, telaq għal Venezja u minn hemm dritt lejn Malta.

Ferdinand reġa' lura l-Ġermanja fl-1795/96 u din id-darba qagħad f'Munster, x'aktarx ma' ħuh Karl Arnold li kien kanonku t'hemmhekk.

Ferdinand u Franz Karl kienu l-aktar jixbħu lil xulxin f'żewġ affarijiet: is-sens ta' unur li kien faċilment jiġi ferut, u l-ambizzjoni kbira li kellhom. Louise kienet tirreferi għal din il-karatteristika tal-aħħar bħala l-karatteristika ewlenija tal-familja Hompesch. Fl-1778/79 il-Gran Mastru de Rohan u Ferdinand, li dak iż-żmien kien *chargé d'affaires* tal-imperatriċi Ġermaniża, tlewmu għax de Rohan ried jinkorpora l-prijorat tal-Polonja mal-lingwa tal-Ġermanja u Ferdinand kien kontrih dan. Tlewmu wkoll dwar żewġ ħatriet fil-lingwa tal-Ġermanja. Minħabba dan l-inkwiet, is-segretarju ta' Ferdinand, Abbé Boyer, ġie

arrestat. Dan il-fatt Ferdinand mhux biss qiesu bħala konfront dirett lejn l-imperatriċi tiegħu iżda wkoll insult personali. Wara ħafna battibekki u dikjarazzjonijiet, spiċċa biex ħa r-raġun Ferdinand u l-persuna li kienet arrestat lil Boyer kellha titolbu pubblikament skuża u saħansitra twasslu fid-dar ta' Hompesch fil-karozzella tal-*Kap Ċambellan*. Barra minn hekk, il-gran mastru kellu wkoll jistieden għall-pranzu lil Hompesch u lil Boyer fir-residenza tas-sajf tiegħu.

Għad illi Ferdinand diġà kellu bosta titli u unuri, hu xorta waħda għamel minn kollox biex jilħaq gran mastru. In-nies kienu jħobbuh għax kien jagħti rigali u jwiegħed favuri. Kien inħabb ukoll mal-predeċessur tiegħu u dan spiċċa biex irrakkomandah bħala s-suċċessur tiegħu. Meta Ferdinand laħaq gran mastru, il-familja Hompesch dan qisitu bħala konsolidament tal-unur ta' isimhom u l-inkurunament tal-aqwa aspettattivi tagħhom. Ħassewhom tassew kburin u onorati dwar dan. Kienu ħafna li ferħulhom għal din il-ħatra hekk importanti ta' wieħed mill-familja tagħhom. Ma setgħux jaħbu l-kuntentizza tagħhom għall-fatt li ħuhom iż-żgħir, l-iċken fil-ġerarkija, kien sar sovran. Iżda nafu minn ittra li l-Balliju Haefelin, isqof titulari ta' Chersonese, kiteb lil Franz Karl, li dak li wassal għall-elezzjoni unanima bla mistennija ta' Ferdinand bħala gran mastru ma kienx ħlief in-nuqqas ta' qbil bejn il-lingwi u minħabba r-rabtiet mill-qrib li Ferdinand kien irnexxielu jibni bejn il-lingwa Ġermaniża u dik Bavariża. L-influwenza kbira li kien hemm narawha espressa fil-messaġġ ta' ringrazzjament tal-prinċep elettur tal-Bavarja: 'Qiegħed hawnhekk niddikjara s-sodisfazzjon kbir tiegħi għall-kontribut li taw iċ-ċittadini tal-Bavarja f'din il-proċedura lodevoli, li huma wettqu biex jobdu x-xewqat tiegħi.'

Fil-korrispondenza ta' Ferdinand wieħed jinnota l-bidu ta' kritika għall-proċessi soċjali u politiċi fl-Ewropa u f'Malta. Pereżempju hu ma setax jifhem l-aġir tar-Reġina Franċiża Marie Antoinette, għalkemm kellu stima kbira lejn il-Hapsburgs. Hu kkundanna l-anarkija li kienet qed isseħħ fi Franza rivoluzzjonarja fejn deher li n-nies kienu qed jieħdu pjaċir joqtlu lill-prinċpijiet tagħhom. Kiteb ukoll dwar kif ir-Russja ppruvat tieħu pussess ta' Malta. Nistgħu nobsru li, bħal ħuh kien jaqsam il-fehma tal-filosfu Franċiż Voltaire jiġifieri li t-Tramuntana, f'dan il-każ ir-Russja, kienet ser taħkem l-Ewropa tan-Nofsinhar.




Litografija tal-1820 magħmula f'Pariġi li turi lil Ferdinand von Hompesch u li ftit li xejn konna nafu biha



Inċiżjoni tal-1802 li turi ħu l-Gran Mastru Hompesch, Franz Karl



Il-kastell ta' Jaroslavice fejn kien jinżamm l-arkivju tal-familja Hompesch

Nafu żgur li sabha diffiċli biex jifhem għaliex kien hemm daqstant nuqqas ta' unjoni interna fl-Istat tal-Kavallieri li bir-raġun kien isejjaħlu 'r-repubblika ċkejkna tagħna'. B'dan ried jgħid li l-gran mastru ma kienx ħlief sovran elett, li kien jiddependi mir-rieda tajba ta' kull lingwa. Kien jaf li r-raġuni ewlenija għala l-Ordni setgħet tibqa' tirrenja f'Malta kienet il-fatt li l-pajjiżi l-kbar kienu għassa ta' xulxin u li ħadd ma jagħmel tiegħu din il-gżira li kienet strateġikament daqshekk importanti. Hu ma tax importanza militari kbira lill-flotta Maltija għax kien jaf li ma kienx għad hemm bżonnhom il-bastimenti ta' skorta fil-Lvant tal-Mediterran, l-hekk imsejħa karavani. Għal Ferdinand l-għan politiku tal-Ordni li jżżomm lura t-Torok kien ħaġa tal-imgħoddi, għalkemm kien jiddispjaċih dwar dan. Fl-ittri tiegħu ma teżistix kritika fundamentali bħal dik ta' ħuh fir-rigward tad-drittijiet fewdali. Iżda bħal ħuh, kien iqis lill-qassisin u lill-patrijiet bħala xewwiexa ta' konfoffi malinni. Forsi wkoll kien jaqbel ma' ħuh li r-Rivoluzzjoni kienet frott il-filosofija tal-Illuminiżmu. Kuntrarju għal ħuh, kien jemmen f'Alla u meta l-Kżar Pawlu I akkużah li kien kodard meta ħalla l-gżira, hu kiteb hekk: 'Nafda lili nnifsi f'idejn Alla u fil-Providenza Tiegħu biex il-verità titla' f'wiċċ l-ilma.' F'ittra oħra jitlob lil Alla jagħtih is-sabar jissaporti l-uġigħ li kellu jġarrab. Fuq nota aktar ħafifa jingħad li fl-1799 Ferdinand ta lin-neputi Wilhelm il-ġisem ta' San Martial li kien ħa miegħu bil-moħbi minn Malta.

Ferdinand ma tax biżżejjed importanza lill-perikli li kienu qed ifeġġu fi Franza. Sa Novembru tal-1797 hu kellu moħħu mistrieħ li kien ħa l-miżuri kollha biex jevita l-inkwiet politiku. Aktar tard, f'Diċembru tal-1798, meta kien eżiljat f'Trieste hu rrapporta dwar ċerti dettalji. Fost dawn insibu li ma kienx ċeda għall-insubordinazzjoni tal-kaptan tal-galeri, il-kavallier Puerini. Naqraw ukoll li kien tefa' l-ħabs lill-individwi suspettati u li kien iddixxiplina lill-persuni ħatja. F'dan il-perjodu, hu ħallas għal xi tiswijiet li saru lill-fortifikazzjonijiet.

Għalkemm l-informazzjoni kienet tasal tard, Ferdinand kien jaf minn diversi sorsi li l-Franċiżi setgħu jattakkaw Malta f'kull ħin. Meta fi Frar tal-1798 flotta Franċiża taħt il-kmand tal-Ammiral Brueys, fi triqitha lejn Korfù, tfaċċat 'il barra minn Malta, Ferdinand ma tahiex permess tidħol fil-port. Hu fakkar fit-Trattat ta' Utrecht tal-1789 li kien jgħid li f'Malta ma kienx permess jidħlu fil-port aktar minn erba' bastimenti



Il-kastell ta' Bollheim fejn twieled u għex sa ma kellu tnax-il sena
Ferdinand von Hompesch



Il-kastell ta' Rheydt fejn kienet tgħix omm Ferdinand von Hompesch
meta kienet għadha xebba

tal-gwerra tal-istess nazzjon f'daqqa. Il-bastimenti tal-gwerra Franċiżi baqgħu ankrati għal tmint ijiem barra l-belt Valletta. Bastiment wieħed tħalla jidħol fil-port biex isirulu xi tiswijiet. Forsi wieħed hawnhekk jista' jassumi li għal Ferdinand il-periklu kien għadda.

Nistgħu nissoponu wkoll li Ferdinand, bħal ħuh f'Munich, kien jemmen li rivoluzzjoni interna biss setgħet tkun ta' periklu għalih, u li b'hekk minħabba li kien ġie elett gran mastru b'mod unanimu, ma kellux għalfejn jinkwieta. Ħaseb ukoll li l-Poteri l-Kbar ma kinux ser jippermettu li l-Franċiżi jinżlu Malta. Ferdinand hawnhekk kien qed jittama fil-protezzjoni tal-Ingliżi u kiteb lil neputih Karl li kien brigadier fis-servizz Britanniku biex jagħmilha ta' medjatur. Wara l-kapitulazzjoni ta' Malta, neputih Ferdinand, li kien kmandant tal-Gzira ta' Wight, f'memorandum li kiteb jgħid li: 'L-Ingilterra kienet qed tikkunsidrah dan' iżda jkompli jikteb li 'ftit wara Bonaparte ħa Malta!' F'memorandum tal-1804, hemm aktar spjegazzjonijiet li jiskużaw id-deċiżjonijiet politiċi ta' Ferdinand. Jingħad li sa mill-1775 kien diġà qed jinħass l-ispirtu rivoluzzjonarju f'Malta speċjalment meta l-qassisin irvellaw kontra l-Ordni. Ferdinand kien ħa parti fil-proċess tagħhom. Il-memorandu jgħid li fl-1792 il-Franċiżi diġà kienu ppjanaw li jokkupaw Malta. Billi kellu taħt idejh id-difiża, Ferdinand insista ripetutament li jissaħħu l-fortifikazzjonijiet. Għalkemm ma tawx kasu, hu daħal f'dejn personali biex isaħħaħ il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-kosta. Sitt xhur qabel ma sar gran mastru, l-għadd ta' suldati kien naqas b'nofs. Bħala ambaxxatur imperjali hu kien jipprotesta dwar dan, iżda kien kollu ta' xejn. Hekk kif sar gran mastru, talab lil Spanja, lir-Russja, u lill-Qorti Imperjali ta' Vjenna jagħtuh flus għad-difiża ta' Malta. Spanja tat xi flus, iżda l-200,000 rublu mir-Russja waslu meta Bonaparte kien diġà ħa l-gżira u Ferdinand reġa' bagħathom lura. Il-memorandum ikompli jgħid li kien seħħ sabutaġġ kbir għax meta Ferdinand ta l-ordni biex jiddefendu lil Malta l-porvli użat fl-armi tan-nar ma bediex jieħu minħabba li kien ġie mħallat bi trab tal-faħam u l-balal ta' maġenb il-kanuni ma kinux id-daqs tajjeb. Dan ġie kkonfermat ukoll minn sorsi oħrajn.

Jista' jkun hemm xi esaġerazzjonijiet f'dan il-memorandu, iżda m'hemm l-ebda dubju dwar it-tradiment ta' ċerti kavallieri Franċiżi u Spanjoli u l-kodardja ta' xi suldati li suppost kienu qed jiddefendu

l-fortifikazzjonijiet. F'Ottubru tal-1798 Wilhelm, neputi ieħor tal-gran mastru, iddeskriva bħala 'mustarda li tiġi servuta wara l-pranzu' kwalunkwe kunsiderazzjoni li tiskuża lil zijuh. B'dan ried jgħid li wara kulħadd għaref. Skont dan id-diplomatiku ta' esperjenza kbira, zijuh kien għamel ħafna żbalji, fosthom li flok ma telaq minn Malta, kien imissu ħalliehom jarrestawh. Anki wara l-wasla f'Trieste, kien imissu pprova jerġa' jieħu l-gżira u mhux jirrikorri għal Vjenna u San Petroburgu. Jekk ma setax jevita li jabdika, kien imissu għamel kundizzjonijiet. Iżda dan ukoll kien 'mustarda li tiġi servuta wara l-pranzu'. Ta' min ifakkar li Ferdinand ma kienx iffirma d-dokument ta' kapitulazzjoni, l-hekk imsejħa Konvenzjoni, għax kien jemmen li b'hekk kienet għadha fis-seħħ is-sovranità tal-Ordni fuq Malta. Fit-18 ta' Ġunju tal-1798, skont l-ordni ta' Napuljun, hu ħalla Malta fuq bastiment merkantili Awstrijak. Wara vjaġġ ta' 39 jum wasal Trieste. Fl-ewwel ittra li Ferdinand irċieva f'Awwissu minn Munich, mingħand Franz Karl, dan kitiblu dwar dak li kienu qed jgħidu n-nies fil-Qorti Bavariża rigward l-azzjonijiet tal-gran mastru. L-aktar kritika ħarxa ssuġġeriet li jmissu qata' barra xi tużżana rjus qabel ma Napuljun niżel l-art. Permezz ta' hekk kien iżid aktar id-dixxiplina. Iżda Ferdinand qatt ma kien lest jagħmel dan. Fit-8 ta' Settembru tal-1798, Franz Karl irrapporta li l-Qorti ta' Vjenna ġġustifikat l-azzjoni ta' Ferdinand. Meta fl-1798 Ferdinand ħalla Malta u mar Trieste, kiteb lil ħuh fejn qallu li ma kellux triq oħra ħlief li jċedi għall-vjolenza li kienet qed isseħħ u għall-komplott li kien hemm kontrih. Franz Karl irrimarka: 'kollox hu mitluf ... ħlief l-unur'. Kompla jgħid li kien qed jagħmel minn kollox biex isalva l-unur tal-familja Hompesch. Xahar wara, hu fassal pjan dwar kif Ferdinand kellu jipproċedi. Kellu jirrikorri għall-Kżar Russu biex dan ixandar pubblikament it-tradiment li kien seħħ u mbagħad il-Kunsill Għoli ta' Trieste jiġġustizzja lit-tradituri, jitneħħew mill-kariga l-persuni suspettati, u wara hu kellu jirritorna Malta. F'għajnejn Franz Karl, ħuh kien għadu gran mastru. Iżda kmieni f'Settembru, il-Kżar Pawlu I kien diġà ppreżenta l-każ quddiem il-membri tal-Ordni fejn akkuża lil Ferdinand li kien ċeda b'mod diżonorevoli u li hu kien għamel hekk biex jikseb vantaġġi personali għalih u għal dawk ta' madwaru. Ferdinand, bir-raġun, ma aċċettahomx dawn l-akkużi. Pawlu I ftit li xejn ta kas ta' dan għax fis-7 ta' Novembru pproklama lilu nnifsu

gran mastru. Ferdinand ħass ruħu offiż ħafna minħabba kitba li dehret tal-Balliji Loras u Tigné fejn akkużawh b'nuqqas ta' ħila u kodardja. Ta' min isemmi li waqt li kien qed imut, Tigné ddikjara li ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak il-fuljett faħxi.

Sa Diċembru tal-1798, Ferdinand kien għadu qed jaħseb li jingħaqad ma' xi kavallieri u jerġa' lura lejn Malta. Kien qed jittama li jkollu l-għajnuna ta' dawk il-Maltin li kienu għadhom jirrispettawh. Iżda x'aktarx tard f'Settembru tal-1798 ngħatat l-aħbar li l-Awstrija kienet biegħdet lilha nfisha minn Ferdinand. Għal raġunijiet ta' politika barranija, l-Awstrija qablet li tpoġġi lill-Ordni taħt il-protezzjoni diretta tar-Russja. Għalhekk kienet xewqa fiergħa li Ferdinand jerġa' lura Malta. F'Diċembru tal-1798 Franz Karl kiteb lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Awstrijak Thugut fejn qallu li ma kinitx idea tajba li l-Ordni tkun tiddependi fuq monarka potenti. Dawn l-isforzi ma swew għal xejn għax l-istess bħall-isforzi l-oħra li kien għamel, ħadd ma ta kasu. Kien ukoll ipprova jkellem lill-Baruni Buehler li kien l-ambaxxatur Russu f'Munich, biex jara jekk setax b'xi mod jgħin lil ħuh.

Nafu minn dokumenti li wlied Franz Karl, saħansitra ħamsin sena wara l-mewt ta' Ferdinand, ippruvaw jiksbu l-kumplament tal-kumpens li kellu jieħu zijuhom mingħand il-gvern Franċiż. Nafu li Ferdinand ingħata 100,000 frank qabel ma ħalla Malta bħala kumpens għall-beni li ħalla warajh. Jista' jkun li, għal xi xhur bejn l-1804 u l-1805, hu kien irċieva xi ħlasijiet bħala parti minn pensjoni annwali. Għal dawn il-ħlasijiet, madankollu, ma teżisti ebda rċevuta. Skont memorandum tal-1853 Ferdinand, fl-1804 kien kiteb personalment lil Napuljun. Napuljun ma kkunsidrax lil Ferdinand bħala ġeneral ta' xi ħila kbira, madankollu ddeskrivih bħala raġel onest u ma riedx iħallih ibati. Għalhekk hu allokalu 300,000 frank li tniżżlu fir-Reġistru tad-Dejn Nazzjonali.

Fl-aħħar nett nixtieq ngħid xi ħaġa dwar jekk huwiex xieraq li wieħed sarkastikament isejjaħ lil Ferdinand 'kollox barra kavallier qalbieni', kif kienu qed isejħulu xi wħud. Ferdinand kien bniedem għaqli. Kif għidt qabel, kien jaf li l-gran mastru kien jiddependi ħafna fuq il-lealtà tal-lingwi u tal-kavallieri tagħhom. Jekk dawn abbandunawh, hu ma kellux saħħa aktar. Hu ċeda l-armi lil Napuljun għax irrealizza li ħafna mill-kavallieri kienu ttradewh. Il-jum qabel ma l-Franċiżi niżlu Malta, kien saħansitra lest jimxi mill-belt Valletta sal-Furjana biex juri lin-nies

li kien għadu fosthom. Iżda l-Kunsill u l-kavallieri li kienu leali lejh ma ħallewhx jagħmel dan għax beżgħu li jweġġgħuh jew saħansitra joqtluh. Dan jurina li Ferdinand ma kienx nieqes mill-kuraġġ. Lanqas ma kellu l-appoġġ tal-poplu. Żewġ deputati Maltin waslu biex qalulu li ma kinux biħsiebhom jiġġieldu kontra l-Franċiżi. Minn dokumenti nafu żgur li fl-1798 hu kien taħt pressjoni kbira u m'għarafx biżżejjed il-periklu tal-Franċiżi, tal-kollaboraturi u tal-ispiji li kien hemm iħufu. Iżda l-aġir tiegħu wara li telaq minn Malta lanqas ma hu wieħed li jistħoqq it-tifħir. Madankollu, Ferdinand hu l-inqas wieħed li jaħti għall-waqgħa tal-Ordni f'Malta. It-tgħajjira ta' kodard ma kinitx ħlief arma politika tar-Russja. X'nagħmlu allura, nilliberawh? Mhux għalkollox. Fl-1799, il-perjodiku *Europäische Annalen* (Annali Ewropej) kiteb hekk: 'L-iżball tiegħu kien li aċċetta l-kariga ta' gran mastru fi żminijiet meta ma kellux. Jekk il-lingwa Ġermaniża sa dak il-punt ma rnexxilhiex tlaħħaq gran mastru minn fost il-kavallieri tagħha, kien ikunilha aħjar li kieku rrinunzjat għall-unur trist li tikkommemora l-isfaxxar tal-Ordni bil-ħatra tal-ewwel gran mastru Ġermaniż.' L-ambizzjoni, li kienet waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-familja Hompesch, irnexxielha ddaħħal lil wieħed minnhom f'nassa li minnha ma setax joħroġ!